San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 26 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**l-erbgha 27 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| | |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
John Bray, Peter Abela, Robert Piscopo ,
Anne Marie Fenech

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

1 ***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 25 ittiehdu bhala moqrija u korretti peress li gew cirkulati minn qabel. Wara li l-minuti gew approvati unanimament u ma' kien hemm xejn *arising out*, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

2

**Skeda tal-hlasijiet**. Giet ipprezentata l-iskeda tal-hlasijiet u giet mressqa ghall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira fejn gie ipprezentat kont tal-kumpanija ACE, gie deciz li dan m'ghandux jerga' jithallas ghax kien ga suppost thallas mill-kazin tal-Banda li kelllu l-kuntratt mall-Kunsill lokali biex jiehhu hsieb it-tindif tal-lattrini. L-iskeda tal-hlasijiet giet approvata flimkien mall-estensjoni fl-iskeda. Il-Kunsilliera Graziella Galea astjeniet u l-kumplament kienu kollha favur.

**Xogholijiet.**

Il-Kunsillier Jason Camilleri staqsa ghaliex ix-xoghol fuq il-lattrina tas-Sirens ghadu ma' bedhiex u x'qed jikkawza dan id-dewmien. Minhabba li l-perit tal-Kunsill mar fuq il-post u sab li s-soffitt tal-lattrina kellu jinqala' ghax kien perikoluz ghan-nies minhabba li saddad kollu u sahansitra waqghet bicca minnu fin-naha tal-entratura, l-perit informal ill kunsill li kellu jsir xoghol ghan-nuqqas ta' ventilazzjoni. Ghalhekk ghanu tittiehed azzjoni biex jinfethu twieqi zghar fil-gnub halli jkun hemm airflow biex tinxef l-umdita tremenda li hemm f'din il-lattrina, bil-konsegwenza li kull darba ttir is-salvavita u l-istess lattrina tkun bla dawl. Biex tissolva l-problema li ta' kull darba qed jidhol l-ilma tax-xita mis-saqaf, ghandu jerga' jinqala l-kontrabejt tal-istess lattrina biex ikun hemm il-qlib tal-ilma fil-genb u mhux jinzel min-nofs.Ghandu jibda wkolll isir ix-xoghol fuq is-sistema elettrika li f'partijiet mill-lattrina xxortjaw u jridu sahansitra jinbidlu. Hemm xoghol ukoll fuq il-bibien tal-injam ghax gew vandalizzati u s-sallaturi mkissra. Il-Perit Daniel Grima ssuggerixxa li ghandu jsir *snag report* minghand il-perit tal-Kunsill. .Ghaldaqstant ghandu jitqabbad il-perit tal-Kunsill biex jghamel dan ir-rapport.

**Hatra tal-bord tal-aggudikazzjoni tat-tender tal-perit tal-Kunsill.**

Is-Sindku Mario Salerno informal ill kulhadd lli nhar it-tnejn l-1 t' April fit-3 ta' wara nofsinhar ghandu jiltaqa' l-bord tal-aggudikazzjoni biex jintghazel il-perit tal-kunsill. Il-bord ser ikun compost mill-kunsillier John Bray, mis-Sindku Mario Salerno, Jane Chircop, Carmel Hili, Jason Camilleri u Raymond Tabone.

Tender tal-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tender tal-avukat kien skadut u ghaldaqstant talab lis-segretarju biex jipprepara johrog tender iehor.

Partition tal-gypsum. Minhabba li kienu id-diversi lmenti mill-haddiema tal-kunsill li kien qed ikun hemm hafna storbju mill-anzjani li jkunu fid-day centre matul il-gurnata gie decis

li ssir partition tal-gypsum halli jinghalaq l-access ta fejn it-tarag. B'hekk l-istorbju tad-day centre jittaffa u l-muzika flimkein ma' l-ghajjat tat-tombla jonqos.

Patching fit-toroq. Is-Sindku Mario Salerno qal li issa beda x-xoghol tal-patching fit-toroq u qal li ser nibdew minn-naha ta' triq it-trunciera ghax tinsab hazina hafna.

Triq Gulju. Is-Sindku kompla jispjega li fl-ahhar gew il-permessi kollha biex jibda x-xoghol fuq triq Gulju. Il-Kuntrattur lesta t-tablelli kollha u ghaldaqstant ghandu jibda jahdem fuq it-triq fil-gimghat li gejjin.

Laqgha ma' l-Onor. J. Mizzi. Is-Sindku nforma lill Kunsill li ser ikun hemm l-ewwel laqgha mall-ministru Joe Mizzi li gej il-Kunsill stess biex jiltaqa' mall-istaff u l-kunsilliera. Din ser tkun filghodu u aktar dettalji jinghataw aktar il-quddiem.

**Korrispondenza.**

Ittra minghand il-protezzjoni civili. Il-kunsill ircieva talba ghall reserved parking bays hdejn l-slipway ta Bugibba biex sakemm jipparkjaw il-vettrui tagghom minhabba f'kaz ta' emergenza dan ghaliex qed tkun dejjem difficli ghalihom li jhallu l-vetturi li jigbdu d-dinghy li jkunu qed juzaw.

Laqgha mall ministru. Ser issir konferenza li l-kunsilliera huma mistiedna jattendu bit-titlu Protezzjoni ghall-konsumatur.

Skuzat-Il-vici sindku Alex Bezzina fil-1835, talab jigi skuzat u hareg mil-laqgha ghax kellu mpenn iehor. Ftit wara hareg ukoll il-kunsillier Jason Camilleri u talab jigi skuzat ukoll.

Camper fejn is-Sirens.
Il-laqgha tkompliet billi s-sindku Mario Salerno qal li hemm camper fejn is-sirens li qed jokkupa nofs il-parkegg. Billi hemm il-hsieb li jsir xoghol ta' zeba' halli jsiru l-parking bays, dan ghandu jitnehha u jintalab jimxi minn hemm. Talab ukoll biex tehel tabella *No Campers Allowed* u ssir kaxxa tal-loading / unloading biex tintuza minn tad-diving schools ghaliex ikollhom hafna xi jgorru sakemm jinzlu l-bahar.

*Parking bays*. Is-Sindku kompla jghid li hem mil-hsieb li kull fejn nistghu bhala Kunsill ser isir ezercizzju biex jizdied kemm jista' jkun il-parkegg fil-lokalita tal-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar. Ghaldaqstant talab lis-segretarju biex jitkellem mall-Perit halli naraw kif nistghu nzidu l-parkegg.

Zebra Crossing. Is-Sindku kompla jispjega li x-xoghol quddiem il-knisja tal-Karmnu ha hsiebu l-kunsillier Jason Camilleri u hemm approvata li ssir zebra crossing. Hawnhekk il-kunsillier Graziella Galea qalet li mhux vera li kien hemm approvazzjoni biex isir dan ix-xoghol u meta l-kunsillier Raymond Tabone insista li kienet issemmiet ghall diversi drabi, hija qamet minn fuq il-mejda u maggha ghamlet sinjal lill kunsillier Daniel Grima biex iqum ukoll. Il-Kunsillier Raymond Tabone qam minn mal-mejda u hareg ukoll fis-7.15pm.

Sospensjoni tal-laqgha. Billi ma' kienx hemm kworum, il-laqgha giet sospiza fis-7.15 sakemm fil- 7.22pm dahal il-kunsillier Jason Camilleri u ghaldaqstant tkompliet il-laqgha.

Il-laqgha tkompliet fis-7.25pm bil-kunsilliera li bdew il-laqgha prezenti kollha, barra l-vici sindku Alex Bezzina li kien skuzat u hareg mil-laqgha qabel, minhabba impenji ohra.

Haddiema klerikali. Minhabba li s-segretarju ezekuttiv dawwar ix-xoghol tal-haddiema klerikali u ghaldaqstant wahda minnhom bdiet taqdi lin-nies fuq il-*front desk*, intalbet biex tigi revokata twissija biex ma' twegibx telefonati. Is-segretarju ezekuttiv ghandu jinforma lill din l-istess impjegata b'dan. Gie innotat ukoll li twahhal il-punch clock fil-kunsill ghall-uzu tal-haddiema klerikali u ghaldaqstant il-haddiema klerikali kollha ser jibdew jithallsu skont ir-rapport generat mill-istess sistema, hekk gie innotat li t-teleworking spicca u l-haddiema kollha jithallsu skont il-hin li jkunu hadmu. Kulhadd qabel fuq dan minbarra l-kunsillier Graziella Galea.

Inqrat ittra minghand wahda mill-iskrivani li talbet biex l-ingustizza li saret maghha ghax ma' kienetx baqghet tiehu l-*increments* minn sena ghall sena terga tigi kunsidrata *b'retro effect* u tinghata d-differenza bl-ura. Il-Kunsill qabel li l-haddiema koncernata ghanda tinghata bl-ura z-zieda misthoqqha u ghaldaqstant gie deciz li tingab l-attenzjoni tad-dipartiment biex dan ikun jista' jithallas. Kien hemm qbil unanimu.

Karozza tal-Kunsill. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li l-karozza tal-kunsill ghanda biss tintuza mis-segretarju ezekuttiv u mill-istaff tal-kunsill flimkien mal-kunsilliera u s-sindku. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Bexx tas-sigar tal-Palm. Billi l-kunsill kien ircieva ittra minghand id-dipartiment tal-agrikoltura biex jitnieda l-bexx fil-lokalita ta' San Pawl, is-Sindku Mario Salerno talab lis-segretarju biex minnufih jibda l-bexx kullimkien. Biex isir dan kien hemm il-qbil li jinxtara l-bexx kontra l-palm weavel halli l-kuntrattur tal-kunsill jibda dan ix-xoghol.

Sigar tal-Palm quddiem Casa Serena. Inqrat email li kien ircieva l-kunsill bhala risposta ghat-talba tal-kunsill biex jitmexxew il-parm minn quddiem il-casa serena u jittiehdu fl-ghalqa biswit l-ghassa tal-pulizija gewwa l-Qawra. Fl-email minghand id-dipartiment tal-agrikoltura gie mgharraf li l-kunsill ma' jistax imexxi dawn il-palm minhabba l-biza tal-buminqar u ghaldaqstant ghandhom jinqatghu u jinharqu. Is-Sindku informal ill kunsill li ma' baqghax alternattiva ohra hlief li jinqalghu u jinharqu dawn is-sigar.

**Aggornament tax-xogholijiet tal-Kunsilliera.**

.

**Jason Camilleri.** Huwa talab lill Kunsill biex jikkonsidra li jehlu aktar bins specjalment quddiem il-Banif Bank sa Giormina u aktar il-fuq. Dan fid-dawl li qed ikun hemm hafna li jarmu l-karti fl-art f'dawn l-inhawi.

**Jane Chircop**. Hija qalet li beda l-in house training lill iskrivani tal-Kunsill u li s-sessjonijiet kienu ta' success. Dawn saru fl-Access u kompliet tghid li kien hemm talba mill-istess impjegati tal-kunsill biex jibdew isiru kull xahar, b'hekk it-training isir fuq rutina u kontinwament halli jitjieb is-servizz tal-kunsill. Hija qalet li issa li inxtraw l-uniformijiet ser jinxtraw ukoll l-ismijiet ghall-fuq il-glekkijiet tal-haddiema.

**Mandy Buhagiar**. Il-kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li nhar it-tlieta ta' wara ser issir laqgha biex tigi konkluza l-mappa. Hija kompliet li saret laqggha ma' Robert Naudi biex

jinbidel il-project leader wara li Graziella Galea qalet li ma' tridx tikkollabora aktar mall-kunsill minhabba li s-Sindku qed jigi investigat.
Mandy kompliet tghid li hemm hafna haxix hazin matul il-promenade kollu u talbet biex tinkiteb ittra lid-dipartiment koncernat halli jinqata u jinzabru s-sigar ta' taht il-promenade li qed jghalqu l-veduta kollha u jakkumula hafna hmieg tahthom. Is-Sindku qal li ghanda tingieb *clearance* mid-dipartiment tal-agrikoltura jekk il-kunsill jistax inaddaf u jizbor dawn l-imsemmija sigar. Il-kunsilliera Buhagiar ipprezentat ritratti li juru welcome signs kbar fuq roundabout bhal ma' ghamlu Fleru de Lys u forsi l-istess ideja tista' ssir fuq ir-roundabout ta' Erba Mwiezeb.

**Carmel Hili**. Il-kunsillier Carmel Hili qabel mal-kunsilliera Mandy Buhagiar u sostna li ghanda tinkiteb ittra lid-dipartimenti koncernati halli kulhadd jerfa' r-responsabilta tieghu biex Bugibba tinzamm kemm jista' jkun nadifa. Huwa kompla jghid li saritlu talba biex quddiem ic-Churchill Restaurant ir-rampa tibqa' tohrog il-barra ghax kif qgheda bhalissa din tokkupa wisgha ta' parkegg. Huwa kompla jispjega x-xoghol li qed jghamel fuq l-organizzazjoni tal-Wardija Fest 2013 li ser issir nhar il-Hadd 5 ta' Mejju.

**Daniel Grima**. Il-Kunsillier, Perit Daniel Grima semma l-kwistjoni tal-Express Burger Kiosk u li konna ircevejna korrispondenz mill Lands li kien inghata permess ghall sena. Dan il-permess kien ta' mobile kiosk. Daniel qal li jekk m'ghandux permess antic – mhux suppost hareg permess biex jibni. Ghaldaqstant ghanda tinkiteb dekjarazzjoni li l-Kunsill joggezzjona ghall dan l-izvilupp.

**Graziella Galea**. Il-kunsilliera Graziella Galea qalet li mhux tircievi l-korrispondenza kollha u talbet biex tibda tinghata rendikont tad-dhul tal-flus mhux l-infiq biss. Hija kompliet tghid li t-tarag ta' fejn il-McDonalds ghandu bzonn jitnaddaf aktar ta' spiss. L-allowance tal-kunsilliera qalet li ghanda tinkiteb ittra lid-dipartiment biex tinghata kull xahar u mhux kull sitt xhur.

**Raymond Tabone**. Il-kunsillier Ray Tabone qal li fid-dawl li hafna organizzazjonijiet sportivi spiccaw biex m'ghandhomx post adekwat fejn jipprattikaw id-dixxiplina sportive taghhom, il-Kunsill ghandu jiehu hsieb jikri post temporanju halli tigi solvuta din il-problema. Wara diskussjoni qasira, gie deciz li jigi mistoqsij lill coach tar-wrestling halli naraw il-htigijiet specifici tagghom u ghaldaqstant jinkera post adekwat ghalihom.

**Mario Salerno**. Is-Sindku qal li ghanda ssir riforma fuq is-sistema tal-Wardens ghax fil-lokalita ta' San Pawl qed ikollna diversi ilmenti fuq is-servizz.
WIFI fil-lokalita. Is-Sindku kompla jghid li ghanda tinghat spinta biex il-WIFI ikun aktar mifrux mal-lokalita kollha, dan mhux biss ghat-turisti li jiffrekwentaw il-lokalita imam anke ghaz-zghazagh taghna.
Laqgha fuq ic-cnus. Is-Sindku qal li kien hemm konkorrenza kbira ghall din il-laqgha, liema laqgha kienet organizzata fil-kunsill biex tghin lir-residenti, ghalkemm il-Kunsill ma' kellu l-ebda sehem fl-andament tal-istess laqgha.
Rotot tal-Arriva. Is-Sindku qal li wasal iz-zmien li tingabar aktar informazzjoni dwar l-ilmenti li qed ikollna fil-lokalita ta' San Pawl minhabba l-Arriva. Huwa talab lis-segretarju biex jinkariga lill skrivana halli tigbor l-ilmenti kollha fuq din il-kumpanija halli l-quddiem issir laqgha mad-dirigenti tal-Arriva, anke minhabba l-hsarat li qed isiru fil-bus terminus u li suppost izommu nadif u fi stat tajjeb.

Laqgha Generali Annwali. Is-Sindku qal li l-laqgha ghall Pubbliku, din is-sena ser issir fis-sitta nhar il-gimgha 19 t' April 2013 fis-sala tal-Kunsill Lokali.
Hargiet. Il-hargiet li jigu organizzati mill-kunsill Lokali ghandhom jigu aktar riklamati u s-sindku talab l-approvazzjoni biex persuni b'dizabilita jigu mghejjuna finanzjarjament halli jattendu f'dawn il-hargiet. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.
Is-Sindku kompla jispjega li hemm il-hsieb li klabb tal-Archery Germaniz jigi Malta u jipprattika d-dixxiplina sportiva fil-parti ta' wara f' Kennedy Grove.

Sospensjoni tal-laqgha. Il-Kunsillier Ray Tabone ma' qabilx li dan il-klabb ghandu jinghata xi preferenza specjalment fejn jidhol Kennedy Grove u qam minn mall-mejda tal-Kunsill.

**Laqgha ta' tkomplija.**

Il-laqgha spiccat fit 8.05 u billi ma' kienx hemm kowrum il-laqgha giet diferita ghat-tnejn l-1 t'April fil-5.30pm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht).
Kunsill San Pawl il-Bahar.